# Kunsill Lokali Marsaskala
228, Triq is-Salini, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,

E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **12** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar it-**Tlieta 13 ta' Lulju 2010 fis-6.30pm.**

## L-Ewwel Seduta

| **Preżenti** | **Membri** |
|---|---|
| **Is-Sindku** | Is-Sur Mario Calleja |
| **Il-Viċi Sindku** | Is-Sur Charlot Mifsud |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur Jesmond Mugliett<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sinjura Carmen Fearne<br>Is-Sur George Farrugia<br>Is-Sur Sandro Gatt |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Is-Sur Joseph Grech |
| **Skużat** | Is-Sur John Baptist Camilleri |

## Aġenda

1. Jinqraw u jiġu kkunsidrati l-Minuti.
2. Wara konsiderazzjoni, biex jiġi approvat li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jiffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.
3. Punti li joħorġu mill-Minuti.
4. Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill.
6. Mistoqsijiet.
7. Mozzjonijiet.
8. Approvazzjoni tal-Business plan 2010-2012.
9. Aġġornament.


Mayor
Mario Calleja

Deputy Mayor
Charlot Mifsud

Councillors
John Baptist Camilleri
Carmen Fearne
Lawrence Ciantar
George Farrugia
Sandro Gatt
Jesmond Mugliett
Daniel Spiteri

Executive Secretary
Josef Grech

1.0 ***Qari u approvazzjoni tal-Minuti:***

1.1 **Laqgħa Nru 11(1) tal-10 ta' Ġunju 2010:**

Il-Minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni li artiklu 3.2.1 it-tielet paragrafu għanda tinbidel din is-sentenza kif ġej.

*Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li għandha nnaqsuhom mill-kont jew inkella jaghtinha proposta oħra.*

1.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni li f'artiklu 3.2.5 għandha titneħħa din is-sentenza .

*Is-Sindku wieġbu li dejjem kienu mistiednin.*

**Wara konsiderazzjoni, l-minuti kif emendati ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 ***Matters Arising :***

2.1 Is-Sindku spjega ili l-proċedura tas-Sotto Kumitat hi illi kull Kunsillier ikollu sotto kumitat attiv fejn jiltaqgħa u jgħaddi r-riżultat ta ' dak li jkun propost quddiem il-Kunsill.

2.2 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar irrimarka rigward artiklu 3.2.5 u ġibed punt u qal illi jrid li jibda jingħata avviż min qabel kif ukoll wara ta' l-ispejjeż involuti fl-attivitajiet.

2.3 Il-Viċi Sindku staqsa rigward artiklu 4.3 u ried aktar informazzjoni rigward l-applikazzjoni li giet diskussa fis-seduta ta' qabel.

Is-Sindku wiegeb illi din kienet ġiet diskussa fis-seduta preċedenti fejn ġie nnotat illi l-Kunsill ma kienx għamel oġezzjoni ghal din l-applikazzjoni.

2.4 B'referenza għal artiklu 4.13 il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud staqsa kemm ser jiġi jiswa l-bini tal-Kunsill.

Is-Sindku qal illi ser juża l-iskema tal-PPP (Private Public Partnership) biex wara diskussjonijiet wieħed ikun jista ikollu avvanz finanzjarju fil-bini amministrattiv u dan la jkollna pjanta finali.~~tal-bini tal-Kunsill~~.

Inġibdet l-attenzjoni illi l-Kunsill għandu jiċċekja jekk il-permess għal bini tal-Kunsill fi Ġnien Sant'Anna skadix ħalli filkas nerġgħu nġedduh.

2.5 B'referenza għal artiklu 9.8 Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud irtira il-mozzjoni li ġiet approvata fil-laqgħa nru 11 għax sar qbil illi minflok it-Triq jiġi msemmi l-Ġnien San Tumas għal ex Kunsillier David Vella.

2.6 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa rigward artiklu 9.5 u xtaq ikun jaf kif ipproċedew l-affarijiet rigward is-servizz tal-green/eco warden.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi saret laqgħa mall-Head ta' l-Isterling Security propju ġurnata qabel is-seduta fejn is-servizz ta' Eco Warden ser jigi jiswa eżatt daqs dak ta warden normali u ser jiġi mqabbad sibtijiet u ħdud saghtejn kull darba mid-9 :00 sal-11 :00 ta' filgħaxija s-Segretarju rrimarka illi l-*Authorised Officer* is-Sur John Bonavia kien kellmu dak inhar stess u sostna dak li kien diġa qal is-Sindku cioe li għal kull Eco warden li jitħallas mill Kunsill għandu jiġi mqabbad Eco Warden ieħor min naħa tal-Gvern Ċentrali.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi fi Triq il-Buttuniera hemm bżonn ta' Eco Warden. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jista jintbghat warden normali f'dan il-każ.

2.7 B'referenza ghall-artiklu 4.4 ġie ċċarat illi s-servizz ta' 40 siegha tal-Green Wardens ser jinqasam bejn ir-reġjuni u mhux fuq il-Lokalita' taghna biss.

3.0 ***Hlasijiet :***

3.1 **Hlasijiet b'urġenza :**

Ġiet preżentata lista ta' kontijiet li thallsu b'urġenza, ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

| | *PAGAMENTI* | *Contracts* | *Invoice Date* | *Inv No* | € |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | **R&A Waste Services Ltd** | Refuse Collection - Emergency Service | 02/07/2010 | | 10379.61 |
| 2 | **Segretarju Permanenti OPM(ITSD)** | Advert | 02/07/2010 | | 202.35 |
| 3* | **Mr.Tonio Aquilina** | Food for Arti fl-berah2010 re cancelled cheque no 6799 | 02/07/2010 | | 36.00 |
| 4 | **Mr.Tonio Aquilina** | Water for UNITA 2010 re cancelled chq no 6798 | 02/07/2010 | | 8.00 |
| 5 | **Grabiel Terazza** | Lunch for Latvja Ambassador | 01/07/2010 | | 141.75 |
| 6 | **Lourdes Service Station** | Diesel for van | 28/06/2010 | | 50.00 |
| 7 | **Lourdes Service Station** | Diesel for van | 16/06/2010 | | 50 |
| 8 | **Assocjazzjoni Kunsilli Lokali** | Skema ta' sahha ghall-Kunsilli Lokali | 24/06/2010 | | 880.00 |
| 9 | **Mr.Daniel Spiteri** | Refund of expenses as per cancelled cheque nr 6137 | 22/06/2010 | | 22.65 |
| 10 | **Selves** | Petty cash June 10 | 22/06/2010 | | 230.09 |
| 11 | **Maltapost p.l.c** | 500 stamps | 18/06/2010 | | 95 |
| 12 | **Assocjazzjoni Kunsilli Lokali** | Laqgha ghas-Sindku u Vici Sindku 24 u 25 ta' Settembru 2010 | 18/06/2010 | | 180 |
| 13 | **Mr.Charlot Mifsud** | Pier Diem Allowances for Tunisia from 21/06/10 to 24/06/10 | 17/06/2010 | | 435 |
| 14 | **Hamilton Travel** | Trip to Tunisia | 17/06/2010 | | 550 |
| 15 | **Hamilton Travel** | Trip to Tunisia | 16/06/2010 | | 560 |
| 16 | **Mr Mario Calleja** | Pier Diem Allowance for Tunisia | 16/06/2010 | | 435 |
| 17 | **KD Travel Services Ltd** | Flights to Graz | 08/07/2010 | | 668 |
| 18 | **MEPA** | DNO-To erect monument | 08/07/2010 | | 34.94 |
| 19 | **Kunsill Lokali Kirkop** | Opportunities close to home re courses | | | 75 |
| 20 | **Industrial Projects& Services Ltd** | Claim No 2509 for overtime | 13/07/2010 | | 148.32 |
| | | | | | |
| *** Pagamenti ghall-Attivita Arti fil-berah 2010** | | | | | |

3.2 **Hlasijiet bi kreditu:**

Ġiet preżentata lista modifikata ta' kontijiet bi kreditu minhabba li numru 73 inbidel ghaliex kien hemm il-kont tal-vodafone fejn fih kien hemm amalgamat il-kont tax-xahar ta Mejju ,kien hemm ukoll numru 74 kont tal-vodafone fejn tnehha sabiex jiġi revedut sabiex jiġu approvati ghall-pagament.

3.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv żied illi rċevejna kont ieħor mingħand E.L.C għax-xahar ta' Ġunju li jammonta approvat mill-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar li jammonta għal €1543.75 .

Il-Kunsill approva unanimament dawn il-pagamenti.

4.0 ***Komunikazzjoni mis-Sindku:***

4.1 **Sigurta tat-tfal ta' l-iskola primarja meta jwasluhom l-iskola (35/4305/10/I):**

Il-Kunsill innota li din l-ittra kienet mibgħuta lill-Kummissarju tal-pulizija u kopja lill-Kunsill, il-Kunsill kien ha l-azzjonijiet kollha necessarji rigward dan il-kaz issa waqa taht il-kompetenza tal-pulizija.

4.2 **Excavation of trenches for water mains:**

Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni illi kienet saret applikazzjoni mill-W.S.C sabiex jinbidlu il-mejns tal-ilma fi Triq ir-Ridott , Triq Thomas Ashby u t-toroq fil-viċinanzi. Din l-applikazzjoni kienet saret għaliex hemm il-katakombi fil-viċinanzi.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġezzjoni diment li jsir *re-instatement* kif suppost.

4.3 **Memo 21/2010-Skema ta' finanzjament - Restawr ta' postijiet storiċi żgħar:**

Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka illi ser jikteb ittra lil-Gvern Ċentrali minħabba il-fatt li ż-żmien mogħti sabiex jitlesta ix-xogħol mhux ser ikun biżżejjed u b'hekk rridu nġibu avviż fuq il-Gażżetta tal-Gvern għax apparti restawr irid isir ċaqliq ta' l-istatwa.

4.4 **Kwotazzjonijiet mingħand JF Mallia Ltd u Mquip (35/4405/10/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi kemm JF Mallia kif ukoll Mquip marru fuq il-post sabiex jaraw l-apparat li hemm u jtuna stima tax-xogħolijiet li hemm xi jsiru.

Il-Kunsill irrefera għal-istimi ta JF Mallia u Mquipp u evalwaw jekk hux aħjar li nixtru l-ġdid jew insewwu dak li hemm. Skond ir-rapport mħejji, il-maġġoranza ta' l-apparat fi Pjazza Mifsud Bonniċi għandu bżonn jiġi mibdul.

Sar qbil unanimu illi ngħidu lil-Perit tal-Kunsill sabiex jieħu l-area ta' Pjazza Mifsud Bonniċi u jiddisinja kollox ġdid.

B'referenza għal istima ta' JF Mallia għal playstructure ta' Żonqor Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li ser jiltaqa ma kuntrattur ieħor sabiex iġib stima oħra.

4.5 **Żjara fit-Tuneżija (35/4225/10/I):**

Is-Sindku tkellem fuq l-esperjenza li kellu hu u l-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud ġewwa t-Tuneżija u qal li bħala Lokalita` għalkemm għanda similarita ta' baħar,palm u ħwienet ma jfissirx illi wieħed jista jgħid illi ż-żewġ Lokalitajiet huma daqshekk kompatibli, min naħa l-oħra minkejja li kien hemm disgwit assolut minn naħa ta l-Ambaxxata Tuneżina f'Malta biex isir kuntatt mall-muniċipalita ta' La Goulette aħna xorta waħda għamilna li stajna biex niltaqaw mall-Kunsill ta' din il-Lokalita`. Kien biss fl-aħħar ġurnata illi irnexxilhom jiltaqaw mall-Viċi Sindku ta' din il-Lokalita` u qabel ma sar dan l-inkontru l-Viċi Sindku u s-Sindku kienu diġa kienu diġa ddiskutew u qablu sabiex ma jiffimaw l-ebda kuntratt ta' qbil kooperattiv qabel ma jkun hemm diskussjonijiet serji u iżjed fil-fond bejn iż-żewġ Lokalitajiet.

L-istampa inbiddlet ftit hekk kif ġew milqugħa mill-Viċi Sindku Mohammed Henchir u s-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill fejn kien hemm laqgħa kordjali ħafna u għalkemm il-qbil ko-operattiv ma ġiex iffirmat xorta waħda qablu illi fil-futur immedjat jikkomunikaw magħna peress illi issa jmiss lilhom jagħmlu żjara fil-Lokalita` tagħna u jibdew taħdidit ġodda mingħajr m'hemm għalfejn wieħed idaħħal l-intervent ta' l-ambaxxata Tuneżina f'Malta il-Ministeru ta' l-affarijiet barranin.

4.6 **Proposta mis-Sur Matthew Pace sabiex jisponsorja apparat tal-logħob ġdid quddiem l-istabiliment tiegħu (35/4130/10/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa il-Kunsill illi hu diġa bagħat jinforma lis-Sur Silvio Frendo biex naraw jekk din il-proposta tistax tiġi milqugħa mill-Kunsill fejn is-Sur Pace ppropona li jisponsorja apparat tal-logħob fi Ġnien Mifsud Bonniċi quddiem l-istabbiliment tiegħu.

Il-Kunsill min naħa tiegħu ma sab l-ebda oġġezzjoni filwaqt li ġie deċiż ukoll li għandhom jiġu nfurmati wkoll is-sidien tal-ħwienet l-oħra verbalment.

4.7 **Listing in the Yellow Pages 2010/2011 (35/3865/10/I):**

Il-Kunsill għażel illi ma jżidx aktar informazzjoni fil-yellow pages.

4.8 **Handymen (35/3856/10/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi ġab kopja ta kuntratt ta' handyman mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar fejn dan jitħallas b'rata fissa fis-siegħa.

Il-Kunsill ma qabilx illi naħdmu b'dan il-mod iżda ngibu stimi qabel ma niddecidu lil min ser nagħżlu.

4.9 **Laqgħa mas-Sur Debattista mid-Dipartiment tal-Libreriji Pubbliċi:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa il-Kunsill illi l-librerija reggħet b'diet tiffunzjona u li issa ser ikun hemm bidla min sistema manwali għal dik kompjuterizzata spjega ukoll li din ser tammonta għal madwar €2,027.00. Ix-xogħol ser isir min naħa tal-MITA u ser jingħata t-taħriġ kollu meħtieġ lil librara l-ġdida.

Il-Kunsill qabel unanimament li ssir din il-kompjuterizzazzjoni.

4.10 **Notification of DCC Sitting – Division A(35/4356/10/I):**

Is-SE għarraf lill-Kunsilliera li seduta oħra tad-DCC rigward PA 1289/09 li tikkonċerna s-sit fi Triq is-Salini, Triq il-Gandoffli, Triq Nigl Dennis u Triq il-Baħħara se ssir il-MEPA fl-20 ta Lulju 2010 mid-9:30a.m 'il quddiem.

4.11 **Roħs fil-kontijiet tal-mobile:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kien hemm differenza fil-kontijiet tal-mobile tas-Sindku kif ukoll tal-Kunsill min mindu qlibna għal Vodafone , u dan meta ġew mqabbla x-xhur ta' Marzu 2010 ma' Ġunju 2010.

4.12 **Application for Teleworking**

Is-Sindku spjega kif waħda mill-impjegati tal-Kunsill is-Sinjura Rebecca Micallef li bħalissa qiegħda barra mix-xogħol fuq parental leave bagħtet korrispondenza fejn talbet sabiex tibda taħdem bis-sistema ta' teleworking iġifieri taħdem mid-dar. Is-Sindku qal illi din tista tibda taħdem fuq id-Douzelage kif ukoll xogħol ieħor abbinat mal-magażin tal-Kunsill.

Is-Segretarju spega kif is-Sinjura Rebecca Micallef ikolla aċċess għal emails tal-Kunsill kif ukoll xi equipment neċessarju jekk ikun hemm il-bżonn. Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll li s-Sinjura Micallef ikollha ukoll pro rata tal-bonuses fil-paga.

Il-Kunsill qabel illi s-siegħat ta' ħidma mogħtija lis-Sinjura Rebecca Micallef ser ikunu dawk ta' 18-il siegħa fix-xitwa u 12-il siegħa fis-sajf u l-kuntratt tat-teleworking ser ikun rivedut min sena għal sena. Dawn huma l-minimu amont ta' siegħat li jistgħu jingħataw fuq teleworking.

4.13 **Minigig 2010 (35/4432/10/I):**

Is-Sindku informa illi rċevejna korrispondenza rigward attivita organizzata minn minigig fejn f'Marsaskala ser ikun hawn mini miner b'tenura ġo fiha fejn ser ikunu qed iduru mal-Lokalita' ta' Marsaskala waqt li jibdew ikantaw.

Din l-attivita mhux ser tiswa l-ebda spejjes lil Kunsill.

4.14 **Benches (35/4431/10/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-korrispondenza li rċevejna mingħand is-Sur Anton Zarb rigward id-differenza fil-kobor tal-bankijiet. Is-Sur Anton Zarb offra li nagħżlu bejn funtana għax-xorb jew inkella tnaqqis fil-kont.

Il-Kunsill aċċetta li tiġi pprovduta u nstallata funtana x'imkien fi Pjazza Mifsud Bonniċi.

4.15 **Memo 21/2010 – Skema ta' finanzjament għar-restawr ta' postijiet storiċi żgħar:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi ingħatajna l-allokazzjoni ta' flus għall-iskema ta' finanzjament għar-restawr ta' postijiet storiċi żgħar li tammonta għal €12,000 kif ukoll €8,000 mill-iskema ta' fondi speċjali għal lokalitajiet bi bżonnijiet speċjali fejn s'issa l-Kunsill għadu kif irċieva €4,000 u l-kumplament jiġi mgħoti lilna meta d-Dipartiment jirċievi l-irċevuti li x-xogħol msemmi tlesta.

4.16 **Ikla uffiċjali mall-mistiednin mil-Latvja (Membri tad-Douzelage):**

Is-Sindku spjega kif il-kunċert li kien ser isir mill-Kantanta Joanna Magri mal-pjanista mil-Latvja Leanne Circene tħassar minħabba nuqqas ta' konkorrenza pero qal ukoll illi peress illi kemm il-pjanista Leanne Cirene u tlett itfal tagħha , s-Sindku Ugis Mitrevis l-mara tiegħu u Inga Barisa leħqu qatgħu l-biljetti ta' l-ajru dawn xorta waħda ser jiġu hawn Malta.

Is-Sindku qal illi saru arranġamenti sabiex l-akkomodazzjoni kif ukoll il-van sabiex iwassal u jieħu lura lil dawn il-mistiednin ikunu bla ħlas u l-Kunsill iħallas biss għal ikla uffiċjali li ser issir ġewwa l-Waterline Restaurant flimkien mall-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud kif ukoll il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt peress illi huma nvoluti fid-Douzelage.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

5.0 ***Mistoqsijiet***

5.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill (applikazzjoni PA 01284/10 rigward proposta sabiex isir centru pastorali centre ġewwa l-Lokalita' ta' Marsaskala fi Triq Sant'Anna.

Il-Kunsill qabel illi ma joġezzjonax

5.2 Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne staqsiet kif inhuma l-ispesifikazzjonijiet tal-kuntratt ta' l-ELC minħabba li l-hedge li tinsab fi Triq iż-Żonqor hemm bżonn li titneħħa.

Sar qbil illi issir mozzjoni ghal laqgħa li jmiss

6.0 **<u>Mozzjonijiet</u>**

6.1 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri (#205-14/06/10):</u>**

*"Jipproponi li fuq il-Moll ta' quddiem is-Summer Nights nagħmlu filata konkos biex intaffu xi ftit il-problema tal-baħar u nnaqsu l-periklu li xi ħadt jista' jaqa l-baħar bil-karozza, pjanta annessa."*

Ġie deċiz sabiex din il-mozzjoni tgħaddi fis-seduta li jmiss peress illi il-Kunsillier ma' kienx preżenti fil-laqgħa.

6.2 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri (#206-14/06/10):</u>**

*"Jipproponi quddiem ix-Charian Home nagħmlu 'Reserved Parking for Disabled', pjanta annessa."*

Ġie deċiz sabiex din il-mozzjoni tagħddi fis-sedutali jmiss peress illi il-Kunsillier ma' kienx preżenti fil-laqgħa.

6.3 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri (#207-14/06/10):</u>**

*"Jipproponi li nagħmlu bankina ġdida li taqqgħad minn Triq Għaxqet l-Għajn sa triq iż-Żonqor, din isservi biex min ikun irid jinżel Żonqor bil-mixi jkollu inqas periklu. Ta' min isemmi li ta' spiss tiltaqa' ma' nies niżlin minnha din it-triq, pjanta annessa".*

Ġie deċiz inġibu stima mingħand il-perit.

6.4 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud (#208-18/06/10):</u>**

*"Jipproponi sabiex nitolbu lil Awtorita ħalli quddiem il-ħanut "Hilltop", mini market li hemm fi Triq il-Blajjiet, issir tabella ta' loading & unloading bejn it-8:00a.m u nofsinhar, għax spiss qed jinqalgħu kwisjonijiet bejn id-delivery men u wardens, meta jkunu qed iħottu x-xogħol. Barra minn hekk meta jipparkjaw quddiem il-ħanut, vannijiet tad-delivery men jostakolaw t-triq għax ikun hemm xi karozza oħra pparkjata."*

Il-Kunsill qabel unanimament.

6.5 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku s-Sur Mario Calleja (#209-2/07/10):</u>**

*"Jipproponi sabiex il-bandli li qed jinbena ġdid fejn il-Ġnien San Tumas jiġi msemmi għall-ex Kunsillier is-Sur David Vella."*

Il-Kunsill qabel unanimament

## 7.0 ***Rapport mill-Kunsilliera***

7.1 Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne informat il-Kunsill li beħsieba toganizza drama classes kif ukoll craft classes għat-tfal pero qalet li hemm bżonn li jinkera garaxx sabiex dawn il-courses jibdew isiru fih.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issuġerixxa li noħorġu sejħa għall-kirja ta' garaxx bl-ispeċifikazzjonijiet li rridu aħna.

7.2 Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne qalet illi ġewwa il-Lokalita` ta' Marsaskala hawn 160 familja li jaqaw *below the poverty life* u b'hekk sar fuljett sabiex jitqassam lilhom propju l-għada tas-seduta.

7.3 Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne talbet biex il-Kunsill jindaga ftit rigward it-terrapin illi qed ikun hemm viċin l-impjant tar-riċiklaġġ u naraw eżatt x'inhu jsir.

7.4 Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne informat lill-Kunsill illi min Nhar it-Tnejn ġewwa Grabiel Restaurant ser jibda jkun hemm l-ixkaffi ta' koba tal-*book cafe* sabiex il-klijenti jkunu jistaw jisselfu xi kotba sabiex inħajjru aktar nies jibdew jaqraw.

7.5 Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne qalet illi saret laqgħa mat-tfal illi żifnu fl-attivita` ta' Arti fil-Beraħ sabiex nidħlu għal Folk festival li isir ġewwa l-Qala Għawdex fis-17 u 18 ta' Settembru 2010 . Il-Kunsill ser iħallas il-coach kif ukoll il-vapur pero s'issa ma hemm xejn ikkonfermat.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

7.6 Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne qalet ill l-librerija bdiet tiffunzjona tinsab kuntenta ħafna bl-għażla li saret meta intgħazlet is-Sinjorina Graziella Mallia. Qalet ukoll illi ser jibda jitranġa is-shelving ġewwa l-librerija sabiex ikun aktar organizzat. Is-Sinjura Carmen Fearne informat il-Kunsill illi għadna qed nistennew risposta mingħand l-HSBC sabiex naraw il-fondi li ser nirċievu bħala sponsor minn naħa tagħhom.

7.7 Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne infurmat il Kunsill illi fit-3,4 u 5 ta' Settembru 2010 ser titella l-attivita ta' Iljieli Skalini u l-budget ta' din l-attivita` ser ikun skond l-istima li hi dik ta'madwar €6,800 u ppreżentat rendikont dettaljat waqt is-seduta..

7.8 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi fid-19 ta' Settembru 2010 ser isir Familyfest abbina mal-attivita tas-sajd li ser tkun organizzata fl-ex pixxina nazzjonali.

7.9 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri informa lill-Kunsill illi ser isir BBQ bħala fund raising għat-team tal-Football ta' Marsaskala.

7.10 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi beħsiebu jibda jagħti xi lectures fuq l-isport lill-istudenti, dawn il-korsijiet mhux ser jiswew xejn lill-Kunsill ħlif ir-reklamar. Il-qliegħ kollu li ser ikun hemm min dawn il-korsijiet ser imur kollu għall-inspire.

7.11 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri tkellem dwar il-*Waterpolo Competition* illi ser issir fl-attivita ta' l-Iljieli Skalin.

Il-Kunsill qabel illi nixtru t-trophies neċessarji għal din il-kompetizzjoni.

7.12 Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem rigward il-karrijiet u l-miżuri li qed jittieħdu fuq in-naħa A, hu qal illi apparti n-notices li weħħel il-Kunsill il-pulizija waħħlu wkoll avviżi min naħa tagħhom u jekk dawn jibqgħu ma jitneħħewx il-Pulizija jneħħuhom min naħa tagħhom.

7.13 Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt propona illi niktbu lid-Direttur tal-fisheries sabiex jinfurmana kif baqa rigward il-meeting li kellu jagħmel mall-MMA rigward il-*hard standing* ta' Marsaskala u ngħidulu li fuq dan ir-rigward kien diġa kellmu listess kunsillier responsabbli mill-Maritime. Xtaq jirrimarka illi s-sitwazzjoni kienet rigward il-manutenzjoni annwali ta' opri kummerċjali li beda jsir fuq il-*hard standing.*

7.14 Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett qal illi fil-weekend tal-festa iġifieri mit-23 ta' Lulju sal-25 ta' Lulju 2010 ser ikunu qed jitqassmu l-boroż grizi lis-sidien tal-ħwienet sabiex inheġġu lil dawn is-sidien sabiex jirriċiklaw u ser ikun hemm ġbir ta' skart separat filgħaxija.

7.15 Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud qal illi fit-tlett ijiem tal-festa il-ħwienet ser ikunu jistgħu joħorġu siġġijiet sal-linja tal-parking bay.

7.16 Is-Sindku qal illi għall-Fishing event li ser issir fid-19 ta' Settembru 2010 Triq ix-Xatt ser tingħalaq u l-ħwienet joħorġu s-siġġijiet sat-tarf tat-triq. Is-Sindku qal illi hemm bżonn niktbu ittra lil tal-ħwienet sabiex ninfurmawhom b'din l-attivita`, kif ukoll ninfurmaw lill-Kappillan bl-attivitajiet kollha li ser isiru fix-xahar ta' Settembru 2010.

8.0 ***Business plan 2010-2012***

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-business plan li kien imqassam għand il-Kunsilliera min qabel.

Il-Kunsill qabel unanimament

9.0 ***Aġġornament***

Il-Laqgħa spiċċat fl-10:30p.m u l-laqgħa li jmiss se tkun Nhar It-Tlieta 17 t'Awwissu fis-6:30p.m.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku